# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 455/2021/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kurt Amato**

Illum it-tlieta (3) ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Kurt Amato**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 44797(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar l-10 ta' Jannar 2020 għal ħabta tas-18.00hrs u ħinijiet qabel, ġewwa Triq Ġorg Borg Olivier, Sliema u f'dawn il-gżejjer:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras hekk kif ċertifikat minn Dr. Agnes Portelli (MD Reg. Nru. 2863) mid-Dipartiment tal-Emerġenza

ġewwa Sptar Mater Dei u liema ferita kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem tal-istess Perrie Daniel Amarni Sciberras u dan bi ksur ta' Artikolu 216(1)(a)(ii) u Artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. ir-reat kien motivat, għal kollox jew b'mod parzjali b'mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni, fuq bażi ta' ġeneru, identita' tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin u dan bi ksur ta' Artikolu 83B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta lil Kurt Amato bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Lulju 2024, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi (Artikoli 31, 49, 50, 214, 216(1)(a)(i), 216(1)(a)(ii), 216(1)(d), 382A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni limitatament għall-offiża gravi fuq il-persuna ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras u kkundannatu piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija. Il-Qorti ħarġet ukoll Ordni ta' Trażżin *ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-imputat a favur Perrie Daniel Amarni Sciberras ("il-persuna protetta") għal perjodu ta' tliet (3) snin minn mindu jiskonta s-sentenza, b'dan illi l-imputat ġie pprojbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna protetta, jaċċedi ġewwa fond fejn il-persuna protetta jgħix, jaħdem jew jiffrekwenta jew jikkuntattja direttament jew indirettament jew jimmolesta lill-persuna protetta. Il-Qorti spjegat lill-imputat li, jekk mingħajr skuża raġonevoli, jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Il-Qorti ordnat li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija. Finalment, il-Qorti

kkundannat lill-imputat sabiex *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jħallas lir-Reġistratur is-somma ta' ħames mija, tmienja u tmenin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€588.86) rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert Dr. Edward Cherubino maħtur mill-Qorti ammontanti għal tliet mija u ħames Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€305.66) u mal-ħatra tal-espert Dr. Mario Scerri maħtur fl-Inkjesta dwar l-*in genere* ammontanti għas-somma ta' mitejn, tlieta u tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu (€283.20) entro ħames (5) xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant Kurt Amato ppreżentat fis-16 ta' Awwissu 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:*

1. *Tiddikjara s-sentenza appellata bħala waħda nulla, filwaqt li tirrimetti l-atti lura lil Ewwel Qorti sabiex l-esponenti ma jiġix pprivat mill-benefiċċju tad-doppio esame; u*

2. *Fl-eventwalita' li l-ewwel talba ma tiġix milqugħa, tikkonfermaha in kwantu ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;*

3. *Fl-eventwalita' li l-ewwel talba ma tiġix milqugħa, tvarjaha u tħassarha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-aggravju tar-reċidiva u tiddikjarah mhux ħati tagħhom; u*

4. *Sussidjarjament fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talbiet preċedenti tal-appellant, li tirriforma l-piena għal piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-12 ta' Settembru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-31 ta' Lulju 2024.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-fatti tal-każ allegatament jirrigwardaw aggressjoni sofferta mill-parti leża Perrie Daniel Amarni Sciberras. Mill-verżjoni mogħtija mill-parti leża jidher li fl-10 ta' Jannar 2020 għal ħabta tas-6.00pm waqt li kien sejjer jiltaqa' ma' ħabib tiegħu huwa ġie aggredit mill-appellant. Din l-aggressjoni jidher li ġiet interrotta minn persuna terza li mhux identifikata. Minħabba li l-parti leża kien imbeżża, huwa mar lejn id-dar fejn beda jsofri minn uġigħ. Huwa ċempel lil ommu fejn minħabba li beda jistħi jgħidilha dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu huwa qal li waqa' fil-kelb iżda talabha sabiex imur l-isptar. Hemmhekk deher li kien qed isofri minn leżjonijiet fuq wiċċu kif ukoll leżjoni fil-fwied tiegħu. Meta nduna bil-gravita' tal-leżjonijiet li sofra, huwa ddeċieda li jgħid dik li allegatament hija l-verita' u ċioè li ġie aggredit mill-appellant. Minn naħa tiegħu, l-appellant filwaqt li jammetti li jaf lill-parti leża, jiċħad li huwa qatt aggredieh.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal

> għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa ntitolat hekk:

"A. Dwar l-Akkużi, l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali u l-Ferita Gravi."

Illi dan jinqasam fis-segwenti:

"A.1 Dwar l-Artikoli Indikati mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata" u

"A.2 Dwar Sejbien ta' Ħtija a tenur tal-Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kodiċi Kriminali."

Illi fil-parti "A" indikata fir-Rikors tal-appell, kif hawn fuq imsemmi, l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issibu ħati taħt Artikoli 216(1)(a)(i) u 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jgħid dan minħabba li fiċ-ċitazzjoni hemm imsemmija Artikoli 216(1)(a)(ii) u 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikompli li meta l-Avukat Ġenerali bagħat l-Artikoli li skont hu setgħet tinstab ħtija fih, l-Avukat Ġenerali

ndika Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta mingħajr ma speċifika liema sub-inċiżi kienu applikabbli. Jargumenta li l-provi li tressqu saru abbażi tal-artikoli ndikati fiċ-ċitazzjoni u li għalhekk l-Avukat Ġenerali ma setax jinkludi artikoli li fuqhom ma saret l-ebda kumpilazzjoni. Huwa jindika li ma jaqbilx ma' kif l-Ewwel Qorti ttrattat dwar dan il-punt u jispjega li l-Prosekuzzjoni nkludiet kliem li jsawwru Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' indikazzjoni tal-istess artikolu.

Illi fil-parti "A.1" indikata fir-Rikors tal-appell, kif hawn fuq imsemmi, l-appellant jilmenta dwar l-artikoli ndikati mill-Ewwel Qorti u jispjega li stante li l-Qorti msemmija ma setgħetx issibu ħati, li hija semmiet l-artikoli l-ħżiena meta sabet il-ħtija tiegħu. Jagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jitlob li s-sentenza appellata tiġi dikjarata nulla.

Illi fil-parti "A.2" indikata fir-Rikors tal-appell, kif hawn fuq imsemmi, l-appellant jisħaq kontra s-sejbien ta' ħtija *ai termini* ta' Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jagħmel riferenza għar-rapport tal-espert Dr. Mario Scerri fejn hemm indikat li l-leżjoni fil-fwied kienet ta' natura gravi *per durata*. Jgħid li minkejja dan l-Ewwel Qorti xorta sabet ħtija taħt Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jispjega li l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq dak li jgħidu Dr. Agnes Portelli u Dr. Edward Cherubino. Dwar dak li jgħid Dr. Cherubino jispjega li dan wasal għal konklużjoni tiegħu abbażi ta' dak li qalu tobba oħra. Dwar dak li qalet Dr. Portelli jgħid li din hija biss opinjoni medika tant illi l-espert Dr. Mario Scerri lanqas jikklassifika tali ferita bħal riskju għal ħajja iżda kklassifikaha bħala ferita gravi *per durata*. Jgħid li Dr. Portelli hija biss xhud ordinarju u kull opinjoni li seta' jkollha mhijiex ammissibbli fi proċeduri penali. Jisħaq li anke kieku dan mhux minnu jibqa' dejjem dak li kkonstatat l-istess tabiba wara dak li eżamina Dr. Cherubino. Jgħid li l-ferita kkawżata mill-aggressur kienet taqa' taħt Artikolu 216(1)(a)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li għalhekk stante li ma hemmx prova li turi li l-ferita kkawżata lill-parti leża tikklassifika taħt Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa (l-appellant) għandu jiġi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi dwar dak imsemmi fl-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tinnota li ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant u ċioè li l-Ewwel Qorti kienet b'xi mod marbuta ma' dak li hemm fiċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-appellant allura imputat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti. Tajjeb jingħad li ċ-ċitazzjoni mhijiex Att ta' Akkuża iżda hija biss mezz li bih il-persuna mixlija tiġi mgħarrfa li nħarġu l-imputazzjonijiet kontra tagħha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Psaila** (Numru 36/2006) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Jiġi sottolinejat l-ewwelnett illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:
>
> > **"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw."**
>
> Issa l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni in kwistjoni mhix ħlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti (*avviso di comparire*). Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:
>
> > **"L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360,**

> **introdott fl-1911. Brevement, iċ-ċitazzjoni ma hi xejn ħlief avviż jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art. 360(1)). Din iċ-ċitazzjoni ma hix il-bażi tal-akkuża, bħalma hu l-każ tal-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuża jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-Prosekuzzjoni:** ***'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'*** **(ara sentenza ċitata, paġna 761). Dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-Qorti, il-funzjoni principali taċ-ċitazzjoni (għax hemm funzjonijiet oħra, bħal, per eżempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jiġi akkużat sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun ġiet eżawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ġunju, 1989 fl-ismijiet** ***Il- Pulizija vs. Noel Zarb Adami*****)."**
>
> [...]

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi biss li ċ-ċitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuża. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembr**i mogħtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), ġie spjegat:

> **"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod ċar ir-reat li tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni, jiġifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jiġi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwieġeb.""**

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Marzu 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John-Mary Falzon** (Numru 502/2022/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "In linea preliminari l-appellant jistqarr ukoll li l-appellant ma setgħax jinstab ħati tal-ewwel akkuża u dan għaliex fil-komparixxi l-prosekuzzjoni semmiet bħal Artikolu tal-liġi li jabbraċċja l-akkuża bħala dak ta' 188 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta kif stqarret l-ewwel qorti stess l-artikolu tal-liġi li kellu jiġi ċitat huwa 189 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gaetano Portelli**[1] mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet fejn ingħad is-segwenti:
>
> > *Dwar dana l-aħħar aggravju, din il-Qorti tosserva li dana huwa aggravju fieragħ. L-indikazzjoni, da parti tal-Pulizija Eżekuttiva, fuq il-komparixxi ta' xi dispożizzjonijiet tal-liġi ma hix parti mill-imputazzjoni jew imputazzjonijiet. Imputazzjoni tiġi formulata billi jissemmew "il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw" – ara l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 374(i)(i) tal-istess Kodiċi. Spetta għall-qorti, u mhux għall-Pulizija Eżekuttiva, li tiddetermina għal liema reat jew reati jammontaw dawk il-fatti imputati. Għalhekk, il-fatt li l-Pulizija,*

[1] "Deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-22 ta' Ottubru 2001."

> *fuq il-komparixxi, tindika artikolu wieħed jew aktar tal-Kodiċi Kriminali b'ebda mod ma jfisser li l-qorti tkun marbuta li tara biss dawk l-artikoli hekk indikati."*

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċitat hawn fuq fis-sentenzi li saru riferenza għalihom, tinnota wkoll li l-appellant ma għandux raġun meta jgħid li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali u mhux fuq iċ-ċitazzjoni. Magħdud ma' dan iżda huwa minnu li l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju jridu jkunu msejsa fuq il-kumpilazzjoni. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** (Numru 220/2014) fejn din il-Qorti diversament qalet hekk:

> "4. Meta fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju fit-termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali l-Avukat Ġenerali jindika artikoli tal-liġi li jikkorrispondu għal anqas reati minn dawk oriġinarjament dedotti fl-inizzju tal-proċeduri, ifisser illi jkun qiegħed jirtira reat jew reati mill-imputazzjoni oriġinali. Meta allura l-Qorti tal-Maġistrati tkun akkwistat dik il-kompetenza bil-kunsens tal-imputat, dik il-Qorti tkun tista' tikkunsidra <u>biss</u> dawk ir-reati indikati fir-rinviju, ħlief naturalment għal reati ta' natura konnessa, bħal attentat jew komplicita' f'dak ir-reat, jew reat anqas gravi (ara in rigward u per eżemplari s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Carter App Krim 7.12.2001**). B'hekk l-Avukat Ġenerali jista' ukoll, fir-rinviju tiegħu, iżid imputazzjonijiet li dwarhom jidhirlu li tista' tinstab ħtija **<u>basta</u>** pero' li jkunu nstemgħu provi in rigward fil-kumpilazzjoni. Issa, meta l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha nnotat illi skont ir-rinviju għall-ġudizzju l-imputat kellu jwieġeb għar-reati hemm imsemmija, dik il-Qorti kienet effettivament elenkat l-imputazzjonijiet kontra l-appellant li dwarhom kellha tikkontempla w ssib ħtija jew tillibera skont il-każ,

> kif fil-fatt għamlet. L-ewwel aggravju tal-appellant għalhekk qed ikun miċħud."

Illi r-reat li tiegħu nstab ħati l-appellant allura imputat ġie maħluq permezz ta' Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta offiża fuq il-persuna. Minn qari tal-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta li l-provi li tressqu kollha jirrigwardaw tali azzjoni u ċioè l-allegata aggressjoni minn naħa tal-appellant fuq il-persuna tal-parti leża. Għandu jingħad ukoll li Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet jirrigwarda l-gravita' ta' tali offiża. Dwar dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicholas Farrugia** (Numru 97/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat is-segwenti:

> "24. Illi imbagħad l-Artikolu 215 tal-Kodiċi Kriminali jikklassifika tali offiżi bejn offiża ta' natura gravi u offiża ta' natura ħafifa. Dawn l-offiżi jerġgħu jinqasmu fil-kategoriji oħra bażati fuq distinzjoni li l-leġislatur ħoloq skont kif marbuta mal-konsegwenzi li ġġib ferita u mhux oħra. Il-Kodiċi Kriminali jiddistingwi bejn offiża gravi fis-sensi tal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali u l-offiża gravissima *ai termini* tal-Artikolu 218 tal-istess Kodiċi. Imbagħad, l-offiża hija meqjusa wkoll gravi jekk tkun magħmula b'wieħed mill-mezzi imsemmija fl-Artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali jew jekk iġġib il-mewt hekk kif indikat fl-Artikolu 220 tal-istess Kodiċi. In kwantu għal offiża ħafifa, din tista' tkun dik ikkontemplata fl-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali jew dik ta' importanza żgħira *ai termini* tal-Artikolu 221(3) tal-istess.
>
> 25. B'riferenza għall-offiżi ta' natura gravi, dawn allura jistgħu jkunu gravi jekk iġibu xi wieħed mill-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali; jew jistgħu ukoll jitqiesu iżjed serji, u allura klassifikabbli bħala gravissimi jekk iġibu xi waħda mill-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-istess Kodiċi.

26. Għalhekk fil-gradwatorja tal-gravita', l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali jitqies li jwassal għal offiża gravi b'riferenza għas-serjetà tal-konsegwenzi li l-offiża tħalli fuq il-vittma, li però tali konsegwenzi għalkemm gravi, jridu jkunu ta' anqas serjeta' u gravita' minn dawk imsemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa rifless ukoll f'differenza fil-pieni stabbiliti mil-liġi għal min jikkommettihom, bl-offiża gravissima msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali tippreskrivi piena għola minn dik li tkun tista' tingħata fil-każ ta' kommissjoni ta' offiża gravi skont l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali.

27. L-Artikolu 216(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa wkoll ċar in kwantu jikklassifika dik il-ferita bħala gravi u punibbli taħt l-ewwel subinċiż anki jekk il-persuna offiża tfiq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali ta' ħajja jew tal-konsegwenzi msemmija fis-subinċiż numru wieħed tal-istess.

28. Allura b'riferenza għar-reat ta' offiżi gravi fuq il-persuna fis-sensi tal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, l-*actus reus* tar-reat ipotizzat fl-Artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali, inkluż meta abbinat mal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, irid li jkun jikkonsisti f'dik l-offiża li ġġib <u>xi waħda jew iktar mill-konsegwenzi</u> indikati fl-Artikolu 216 tal-istess Kodiċi.

29. Kwantu għall-*mens rea* rikjest, fil-każ ta' offiżi fuq il-persuna, trid tirriżulta l-*animus nocendi* u ċjoe' **<u>l-intenzjoni ġenerika</u>** li l-awtur tar-reat jikkawża ħsara fil-ġisem ta' ħaddieħor jew fis-saħħa ta' dik il-persuna jew li jġib diżordni f'moħħha bl-azzjoni volontarja tiegħu."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq isegwi li din il-Qorti ser tiċħad dik il-parti tal-ewwel aggravju li tirrigwarda l-Artikoli tal-liġi ndikati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Illi dwar il-parti l-oħra tal-ewwel aggravju, ossia dwar is-sejbien ta' ħtija a tenur ta' Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li l-ferita kkawżata fuq il-parti leża seta' kellha konsegwenzi ferm aktar gravi. Iċ-ċertifikat (Dok. "CS 2" – *a fol.* 49) rilaxxat minn Dr. Agnes Portelli fir-rigward tal-parti leża ma jħalli l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti li fil-mument meta l-parti leża daħal l-isptar huwa kien fil-periklu tal-mewt. Minbarra dan huwa evidenti li n-natura tal-leżjoni sofferta mill-parti leża setgħet twassal għal debbulizza permanenti f'saħħtu. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li r-rekwiżiti mitluba mill-Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ġew ippruvati. Dwar dak li jgħid l-espert Dr. Mario Scerri, din il-Qorti ħaditu in konsiderazzjoni u hija tal-fehma li Dr. Scerri ma jmeriex dak li tgħid Dr. Portelli. Għal din il-Qorti, Dr. Scerri jikkonferma li minkejja li meta ra lill-parti leża kien stabbli huwa xorta kellu jgħaddi minn operazzjoni deskritta bħala *"embolisation tal-bleeding vessels"*. Minbarra dan, Dr. Scerri jikklassifika l-leżjoni in kwistjoni bħala ta' natura gravi.

Illi dwar fuq minn għandha tistrieħ il-Qorti, din il-Qorti tinnota li m'huwiex fil-prerogattiva tal-appellant li jgħid fuq liema espert għandha toqgħod. Fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti għandha l-jedd li saħansitra tiskarta l-fehma tal-espert. Magħdud ma' dan għandu jiġi rimarkat li mhux l-espert li jiddetermina n-natura tal-feriti sofferti mill-parti leża iżda hija l-Qorti li trid tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha skont il-provi kollha li jiġu prodotti quddiemha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** (Numru 193/2003) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiża hix waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda <u>ta' fatt</u> u għalhekk rimessa għall-ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri, għalhekk, rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-ġudikant ta' l-ewwel grad – il-Maġistrat – u issa f'idejn l-Imħallef sedenti). Ma hix, għalhekk, kwistjoni, li tiddependi neċessarjament jew

> esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża."

Illi tajjeb jiġi mfakkar li l-istess reat jista' jwassal lil Qorti sabiex issib ħtija taħt numru ta' Artikoli bħal f'dan il-każ. Għalhekk b'riferenza għal dak li qalet preċedentement, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kellha kull jedd issib lill-appellant allura imputat ħati kemm taħt Artikolu 216(1)(a)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll taħt Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-istess Kapitolu msemmi. B'hekk isegwi li anke dik il-parti tal-ewwel aggravju li tirrigwarda s-sejbien ta' ħtija a tenur ta' Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi miċħuda wkoll.

Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa intitolat hekk: "B. Dwar il-Kredibilita' ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras". L-appellant jilmenta li minħabba n-nuqqas ta' provi diretti, l-Ewwel Qorti kellha ssejjes id-deċiżjoni tagħha fuq ix-xiehda tal-parti leża. Jgħid li l-parti leża mhuwiex kredibbli. Jispjega li allegatament hija n-norma għall-parti leża li jagħti verżjoni u meta jiġi dahru mal-ħajt jagħti verżjoni oħra li taqdi l-interessi tiegħu. Jgħid li fil-verżjoni mogħtija mill-parti leża, waqt li kien qed jixhed huwa jgiddeb dak li qal fl-ewwel verżjoni mogħtija minnu. Ikompli li x-xhud jitfixkel fil-gideb tiegħu stess. Jirreferi għal dak li qal lill-Pulizija meta mqabbel ma' dak li qal fuq il-pedana tax-xhieda fejn il-verżjoni mogħtija lill-Pulizija rigward ir-raġuni għalfejn ma qalx il-

verita' hija differenti minn dak li qal il-Qorti. L-appellant jirreferi għal parti oħra mix-xiehda tal-parti leża mogħtija fis-7 ta' Novembru 2023 u jqabbilha ma' dak li qal lil Dr. Cherubino. Jgħid li meta l-parti leża jinduna li jkun qed jinqabad fil-gideb huwa jbiddel il-verżjoni tiegħu u jisħaq li kieku ma kienx hekk ma kienx ikollu problema jkun konsistenti.

Illi l-appellant isemmi wkoll differenza fil-verżjonijiet li toħroġ mix-xiehda ta' ommu (omm il-parti leża). L-appellant jirreferi għal Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li tenut kont ta' dan l-artikolu jirriżulta li l-parti leża la huwa konsistenti u lanqas ma hemm xiehda oħra li jikkorroboraw dak li jgħid, anzi jmeruh. Jisħaq li l-gideb tal-parti leża jilħaq il-qofol tiegħu meta in kontro-eżami jgħid huwa qatt ma bagħat xejn lill-familjari u ħbieb tiegħu u wisq anqas xewwex lil sħabu kontra tiegħu. Isemmi li mix-xiehda ta' Emanuel Balzan jirriżulta bil-kontra. Jirreferi għal Artikolu 633(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li l-Ewwel Qorti setgħet toqgħod fuq il-verżjoni mogħtija mill-parti leża biss fil-każ fejn kienet konvinta li kien qed jgħid il-verita'. Ikompli li l-Ewwel Qorti ndikat li kellha nuqqas ta' konvinzjoni u jindika tliet istanzi. Jispiċċa billi jgħid li stante li l-Ewwel Qorti kienet konsapevoli li l-parti leża kien qed jigdeb f'xi partijiet, hija ma setgħetx tistrieħ fuq il-verżjoni tiegħu.

Illi dwar l-argument tal-appellant relatat mal-inkonsistenzi fil-verżjonijiet mogħtija mill-parti leża, din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx dubji dwar il-fatt li l-parti leża sofra feriti hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Agnes Portelli fiċ-ċertifikat (Dok. "CS 2" – *a fol.* 49) rilaxxat minnha. Apparti minn dan, din il-Qorti lanqas għandha dubju li l-parti leża sofra l-feriti tiegħu kawża ta' aggressjoni. Dan jirriżulta bl-aktar mod ċar mir-rapport (Dok. "MS" – *a fol.* 31 *et seq.*) redatt minn Dr. Mario Scerri fejn huwa huwa jikkonkludi, fost l-oħrajn, is-segwenti (*a fol.* 41):

> "5. Illi dawn il-leżjonijiet huma aktar kompatibbli ma' daqqiet milli ma' waqgħa fuq kelb."

Illi li jifdal li jiġi determinat huwa min wettaq tali aggressjoni. Dwar dan, il-parti leża dejjem kien konsistenti u dejjem ippunta lejn l-appellant. Anke fil-privat, il-parti leża kien konsistenti. Għalkemm l-aġir tiegħu mhux dejjem tal-livell mixtieq speċjalment fil-messaġġi li bagħat lil Emanuel Balzan (Dok. "EB 1" - *a fol.* 210 *et seq.*), mill-istess messaġġi tiġi kkonfermata l-verżjoni mogħtija minnu rigward min sawwtu, u ċioè huwa jipponta lejn l-appellant. Rigward id-diskrepanzi li hemm fix-xiehda mogħtija mill-parti leża, din il-Qorti hija tal-fehma li dawn huma inkosegwenzjali stante li dak li huwa importanti ġie ripetutament ikkonfermat b'ċertezza mill-parti leża. Anke meta ġie kkonfrontat waqt il-kontro-eżami magħmul fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 (*a fol.* 203 *et seq.*), dwar id-diskrepanzi bejn il-verżjoni mogħtija minn ommu huwa jgħid mingħajr tlaqliq li l-verżjoni tiegħu hija dik il-korretta. Minbarra dan huwa kkoreġa lill-konsulent legali tal-appellant allura imputat waqt l-istess seduta.

Illi dwar il-verżjoni differenti marbuta ma' fejn kien sejjer l-appellant, jekk kienx sejjer għal kafè jew kienx ġej minn tali appuntament, din hija bla wisq importanza u mhux sejra taffettwa l-argument ċentrali li fuqu huma msejsa l-imputazzjonijiet in kwistjoni. Fl-aħħar mill-aħħar mhux kull konflitt fil-provi għandu jwassal għal liberatorja tal-persuna mixlija quddiem il-Qorti. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clive Caruana** (Numru 360/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta rriteniet hekk:

> "5. [...] L-ewwel Qorti korrettament kkunsidrat li mhux konflitt fil-provi għandu jwassal għal-liberatorja u għamlet referenza għall-ġurisprudenza in rigward. Iżżid din il-Qorti tosserva illi kif kostantament ritenut l-ewwel Qorti kienet korretta in rigward. Għaliex *"mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużat. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għall-konklużjoni dwar lil*

> *min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"* (ara **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne** App Krim 9.07.2003 u **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino et** Qrt Krimi. 19.10.2006). Inoltre kif ritenut mill-ġurisprudenza abbraċjata minn din il-Qorti, min ser jiġġudika jista' jemmen lix-xhud f'kollox jew f'parti u jekk ma jemminx lix-xhud f'parti mix-xiehda tiegħu ma jfissirx li ma jistax ikun emmnut f'parti oħra. Issa, l-ewwel Qorti, kienet fil-piena liberta' li tagħmel dan l-eżerċizzju u minkejja li sabet inkonsistenzi fil-fatti kif rakkontati mill-*parte civile*, xorta waħda emmnitha fil-parti li biha nkriminat lill-imputat."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat, hija tagħmel riferenza għal dak li ngħad minnha aktar 'il fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami u b'hekk tasal għal konklużjoni li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Minkejja ċertu kummenti magħmula mill-Ewwel Qorti dwar il-verżjonijiet mogħtija mill-parti leża, dan ma jtappanx il-punt prinċipali li kellu jiġi ppruvat u li abbażi tiegħu l-Ewwel Qorti sabet ħtija u ċioè li l-appellant wettaq l-aggressjoni fuq il-parti leża. Għaldaqstant it-tieni aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa mingħajr preġudizzju għal aggravji l-oħra. L-aggravju in eżami jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant. L-appellant jirreferi għal fatt li l-piena ma għandhiex isservi bħala vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Jispjega li huwa minnu li fil-passat huwa kien jagħmel użu mid-droga u li warrab dawk in-nies li ppruvaw jigwidawh lejn it-triq it-tajba. Jgħid li minn dak iż-żmien huwa dawwar ħajtu u ħallas il-prezz għal dak li għamel. Jgħid li piena ta' priġunerija sejra xxejjen il-progress li għamel. Jisħaq ukoll li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma tilħaqx il-bilanċ neċessarju bejn l-element riformattiv u dak retributtiv u

għalhekk jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti.

Illi dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tibda billi tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Luke Sciberras** (Numru 219/2016) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. L-appellant jilmenta wkoll mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti bħala waħda sproporzjonata għall-fatti speċi ta' dan il-każ. Dwar dan, tajjeb li *in primis* ikun affermat il-prinċipju illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata."

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni wkoll dak li l-appellant allura imputat instab ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti (liema sejbien ta' ħtija tiegħu ġie konfermat minn din il-Qorti) u tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali tal-appellant li jirriżulta li hija waħda xejn nadifa. Apparti dan, l-Ewwel Qorti qalet hekk f'paragrafu 63 tas-sentenza appellata (*a fol.* 254):

> "Għalhekk fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis illi bl-applikazzjoni ta' żieda fi grad taħt l-Art. 50 tal-Kap. 9, piena karċerarja ta' tmintax-il xahar tkun waħda ġusta u tilħaq bilanċ ekwu bejn l-interessi tal-imputat u tas-soċjeta' in ġenerali."

Illi minkejja li fl-aggravju in eżami l-appellant jargumenta li huwa dawwar ħajtu u ħallas il-prezz għal dak li għamel u li piena ta' priġunerija sejra xxejjen il-progress li għamel pero' fl-istess waqt ma jistax jiġi njorat dak li ngħad minn din il-Qorti aktar 'il fuq f'din is-sentenza qabel ma' għamlet riferenza għal kwotazzjoni ta' hawn fuq. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet

ġustifikata li tgħid dak li ngħad fl-istess kwotazzjoni. Apparti minn dan, tenut kont tal-piena li l-Ewwel Qorti setgħet tikkundanna lill-appellant allura imputat fir-rigward ta' dak li sabitu ħati, liema piena temerġi minn Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx lok għal temperament fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat u għaldaqstant anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Kurt Amato u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**